**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 1608/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Oskan Balik**

Illum, 29 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Oskan Balik, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 264025(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-tletin (30) ta' Diċembru 2023 għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart ta' filgħodu (01:45hrs) u fil-ħin ta' qabel ġewwa Triq tal-Barrani, Żejtun, Malta waqt li kien qed jagħmel użu mill-vettura DCS 189:

1. F'post pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu;
2. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bla kont;
4. Waqt li kien qed isuq, naqas li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura;
5. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

6. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina kienet iżjed mill-limitu preskritt;
7. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;
8. Saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Lulju 2024, fejn il-Qorti ma sabitx lill-akkużat ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) akkuża u għalhekk illiberatu minnhom u wara li rat l-artikoli 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a), 15(3), 15A(1), 15B(1) 15H(1), 15H(2) u 15I(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 68 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-artikolu 3(1), 3(1A) u 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-akkużat ħati tat-tieni (2), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitta (6), tas-sebgħa (7) u tat-tmien (8) akkużi u kkundannatu għal multa komplessiva ta' tlett elef u tlett mitt ewro (€ 3,300). *In oltre* l-Qorti swalifikat lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12) -il xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Oskan Balik, ippreżentat fis-6 ta' Awwissu 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata li fiha huwa nstab ħati tat-tieni mputazzjoni dedotta kontra tiegħu u konsegwentement fejn huwa ġie kkundannat il-piena msemmija billi tirrevokaha u senjatament tikkonfermaha fejn illiberatu mill-ewwel u t-tielet imputazzjoni u tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tat-tieni, tar-raba', tal-ħames, tas-sitt, tas-sebgħa u tat-tmien imputazzjoni dedotta kontrih u konsegwentement fejn hu ġie kkundannat il-piena hawn imsemmija, u minflok tgħaddi sabiex tilliberah minn kull ħtija u piena, jew, fin-nuqqas ta' dan, alternattivament sabiex tvarja l-piena erogata għal waħda li tkun iktar ekwa u ġusta tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar it-18 t'Ottubru 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta illi s-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti għat-tieni, ir-raba' u l-ħames sat-tmien imputazzjonijiet huwa msejjes fuq sett ta' nuqqasijiet fattwali u konsiderazzjonijiet legali zbaljati, senjatament zball fl-identita' tiegħu u n-nuqqas mill-Prosekuzzjoni illi tressaq l-aħjar prova,

Illi, jibda' biex jisħaq li hemm ċertu nkonsistenzi fl-identita' tiegħu. Dan għaliex fl-*affidavit* ta' PS 1405, fid-dikjarazzjoni tar-rifjut għall-assistenza legali, u kif ukoll fil-*breathalyser chit,* ismu jidher bħala "Ozhan" u mhux "Oskan". Issa għalkemm huwa minnu li isem l-appellant inkiteb b'mod erronju f'dawn it-tlett dokumenti, madanakollu dan ma jwassal għall-edba dubbju fl-identita' tiegħu, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Dan qed jingħad peress li f'kull dokument imsemmi, hemm ukoll referenza għan-numru tal-karta ta' l-identita' tal-istess appellant, li dejjem jidher bħala 264025A, numru għalhekk li jirrifletti l-identita' tiegħu. Jikkonsewgi illi ġaladarba l-appellant kien konstantament, f'kull dokument li hemm fl-atti, kif ukoll fiċ-ċitazzjoni identifikat permezz tan-numru ta' l-identifikazzjoni korretta, ma jezisti l-ebda dubbju li l-persuna li kienet imwaqqfa mill-Pulizija f'dana l-każ kien propju l-appellant u ħadd aktar. Mhux biss, iżda anke l-indirizz fejn jirrisjedi huwa indikat bl-istess mod kemm fiċ-ċitazzjoni kif ukoll f'kull dokument li hemm fl-atti bħala Alexia, 99 Flat 6, Triq Alessandru, Birżebbuġia, b'dawn l-istess konnotati indikati anke fir-rapport tal-PIRS li permezz tiegħu sar ir-rapport u l-investigazzjoni inizjali, fejn l-isem huwa ukoll f'dan id-dokument indikat korrettement. Ifisser għalhekk li anke meta l-appellant jilmenta illi l-post tat-twelid tiegħu huwa indikat erronjament fl-affidavit ta' PS1405, dan ma jwassalx biex jiskossa ċ-ċertezza morali li l-persuna mwaqqfa minn dan l-uffiċjal tal-pulizija dak in-nhar tat-30 ta' Diċembru 2023 ma kien ħadd ħlief l-appellant, iktar u iktar meta id-data tat-twelid hija korrettement indikata bħala l-1 ta' Novembru 1983, u fil-*PIRS report* hemm indikat li huwa ta' nazzjonalita' Torka, mhux li twieled fit-Turkija kif tikkontendi id-difiża. Kwindi dan l-aggravju ma jistħoqqlux akkoljiment.

Illi, l-appellant jisħaq ukoll li f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova. Huwa jisħaq li l-istess Prosekuzzjoni kellha tipproduċi l-Pulizija kollha li kienu prezenti fil-ħin tal-inċident *de quo* sabiex huma jagħtu t-testimonjanza tagħhom fir-rigward ta dak li seħħ. Dana jgħidu fid-dawl tal-fatt li, fil-fehma tiegħu, hemm kunflitt fid-dettalji tiegħu imniżżla mill-istess uffiċjal tal-Pulizija li waqqaf lill-appellant fir-*road block*.

Illi, anke hawnhekk l-appellant m'għandux raġun, bl-Ewwel Qorti hija legalment korretta meta straħet fuq id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali li jagħmilha ċara li, għalkemm huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha, kemm favur u kemm kontra, u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, madanakollu jingħad ukoll li jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Ghalhekk, dak li din l-Qorti trid tixtarr huwa jekk bil-provi prodotti, l-Ewwel Qorti setgħetx legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant kif għamlet.

Illi, l-uniku xhud okulari għall-fatti mertu ta' dan il-każ li tressaq il-Prosekuzzjoni huwa PS 1405 D. Gerada li xehed permezz ta' *affidavit*. Issa jekk l-appellant kellu xi forma ta' kontestazzjoni dwar il-kontenut ta' l-istess, allura f'dan il-każ kellu jimxi mad-dettami tal-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jfassal dik il-proċedura li għandha tkun segwita meta l-provi fi proċeduri ta' natura sommarja jitressqu bl-*affidavit:* –

**(1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu**

**bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:**
**Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558.**
**Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.**

**(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużat kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.**

Illi, mill-atti proċesswali odjerni jirriżulta li l-appellant, debitament assistit mid-difensur tiegħu, qatt ma talab sabiex PS 1405 jittella' jixhed in kontro-eżami. Infatti mill-verbal datat l-10 ta' Mejju 2024 jirriżulta is-segwenti:–

**"Id-difiza ħadet konjizzjoni tal-*affidavits* ppreżentati mill-Prosekuzzjoni.**
**Id-difiza tiddikjara li m'għandiex kontro-ezamijiet x'tagħmel u l-akkuzat mhux ser jixhed.**
**Id-difiza tiddikjara illi m'għandiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk qed tagħlaq il-provi tagħha."**

Jikkonsegwi għalhekk li l-appellant irrinunzja għal-kontro-ezami ta' dan ix-xhud. Għalhekk, fit-termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali appena ċitat, l-*affidavit* ippreżentat mill-istess uffiċjal tal-Pulizija huwa meqjus bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqslikieku huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. *In oltre,* din l-Qorti ma tara li hemm ebda raġuni valida 'il għaliex hija għandha tiddubita mill-kontenut ta' dan l-istess *affidavit* kif ukoll mill-verzjoni mogħtija mill-istess uffiċjal tal-Pulizija.

Għalhekk, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju ventilat minnu, l-appellant jisħaq li ma jirriżultax mill-provi prodotti li l-kontroll fit-toroq sar skond id-dettami tal-Artikoli 355 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jisħaq li primarjament ma ġietx ippreżentata vera kopja tal-awtorizzazzjoni meħtieġa u li l-istess dokument li hemm fl-atti huwa biss kopja li qatt ma ġie kkonfermat bil-ġurament minn min ħarġu, senjatament l-iSpettur Doriette Cuschieri. *In oltre*, jisħaq li ma nġabitx prova dwar liema lokalitajiet jiffurmaw parti "*mit-toroq u l-inħawi kollha ġewwa l-ħames distrett*", hekk kif hemm imniżżel fl-istess awtorizzazzjoni, u li fil-fatt iż-Żejtun jifforma parti mit-tielet distrett elettorali u mhux il-ħames distrett.

Illi, jibda' billi jingħad li d-dokument in diżamina ġie pprezentat quddiem l-Ewwel Qorti mill-Uffiċjal Prosekutur nhar l-10 ta' Mejju 2024 –

> **"L-Uffiċjal Prosekutur qrat u kkonfermat l-akkuzi bil-ġurament u pprezentat affidavit ta' PS 1405 D. Gerada Dok. A, affidavit ta' Kenneth Pace Dok. B, Mandat Dok C, Rinunzja tal-Avukat Dok. D u PIRS Report Dok. E u Breathalyser Chit Dok. F."**

Illi, ukoll fl-istess *affidavit* redatt minn PS 1405, fl-aħħar ta' l-istess hemm imniżżel:

> "**Mehmuz hawn dikjarazzjoni tar-rifjut tal-avukat ta' Ozhan, envelope bi riċevuta tat-test tal-breathalyser ta' Ozhan u kopja tal-mandat ta' kontrolli fit-toroq**".

Illi madanakollu l-mandat eżebit bħala dokument C, kif sewwa jisħaq l-appellant ikopri it-toroq u nħawi kolla ġewwa l-ħames distrett. Issa huwa minnu ukoll dak li jikkontendi l-appellant illi ir-raħal taż-Żejtun ma jifformax parti mill-Ħames distrett elettorali, iżda mit-Tielet Distrett u dan kien hekk kemm fit-tlettax-il leġiżaltura li

jkopri il-perijodu bejn l-2017 u l-2022, kif ukoll fl-Erbatax-il leġiżlatura li jkopri is-snin mill-2022 ‘il quddiem[1].

Illi l-artikolu 355(e) tal-Kodiċi Kriminali indikat fil-mandat eżebit bħala Dokument C jiddisponi hekk:

> **"Il-Pulizija tista' tagħmel kontroll fit-toroq meta jkun hemm raġunijiet xierqa biex taħseb li l-kontroll ta' vetturi ġo xi lokalità jew li jgħaddu minnha jista' jwassal għal …. (e) aċċertament ta' vjolazzjonijiet ta' xi liġi dwar vetturi bil-mutur jew ir-regolament tat-traffiku.**
>
> **Imbagħad**
>
> **355A. (1) Għal kemm idum il-kontroll fit-toroq il-Pulizija tista' twaqqaf kull jew xi vetturi għaddejin minn jew ġo xi lokalità fejn ikun qed isir il-kontroll fit-toroq.**
>
> **(2) Meta xi vettura titwaqqaf skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu dik il-vettura tista' tiġi perkwiżita mill-Pulizija.**
>
> **355B. Il-kontroll fit-toroq taħt dan is-Sub-titolu jista' biss jiġi organizzat jekk ikun hemm l-awtorizzazzjoni bil-miktub ta' uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt ir-grad ta' spettur sakemm ma jistax ikun hemm dewmien fil-kwistjoni, f'liema każ dik l-awtorizzazzjoni tista' wkoll tingħata bil-fomm minn uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' surġent u wara titniżżel bil-miktub kemm jista' jkun malajr."**

Issa għalkemm huwa minnu allura illi l-mandat eżebit in atti ma jkoprix iż-żona fejn twaqqaf l-appellant, madanakollu minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi su-iċċitata, jidher illi l-uffiċjal investigattiv li kellu il-grad ta' surġent kellu is-setgħa li jwaqqaf lill-appellant għalkemm kien jenħtieġ illi din l-awtoriżazzjoni titniżżel sussegwentement bil-miktub, ħaġa li madanakollu jidher li ma saritx. Magħdud dan madanakollu, ma jidhirx li kien hemm bżonn xi awtoriżazzjoni sabiex isiru l-investigazzjonijiet fuq l-appellant, u ċioe' li jitwaqqaf u jsirlu t-test tan-nifs meta nibet fl-uffiċal tal-pulizija is-suspett illi l-appellant seta' kien xurban waqt li kien qiegħed isuq, u dan kif jemerġi minn qari ta'l-artikolu 15Ċ tal-kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

> **Meta uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li –**

[1] https://parlament.mt/mt/14th-leg/electoral-districts/

**(a) persuna tkun qed issuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li jkollha l-alkohol f'ġisimha jew li tkun għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur kienet miexja; jew**
**(b) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li kellha alkohol f'ġisimha u li dik il-persuna kien għad għandha l-alkohol f'ġisimha; jew**
**(ċ) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet miexja; jew**
**(d) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta dik il-vettura bil-muturjew vettura oħra kienet involuta f'aċċident,**

**huwa jista' jeħtieġ li dik il-persuna tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs.**

Imbagħad il-liġi tkompli:

**15D. Uffiċjal tal-Pulizija jista' jgħaddi biex jarresta persuna jekk –**
**(a) bħala rizultat ta' test tan-nifs l-uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li l-proporzjon ta' alcohol fid-demm ta' dik il-persuna jkun iżjed mil-limitu preskritt; jew**
**(b) dik il-persuna tonqos milli tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs meta meħtieġa tagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15Ċ sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li n-nuqqas jew ir-rifjut litagħmel dak meħtieġ kien reat.**

Illi dan is-suspett li jitkellem dwaru l-artikolu 15Ċ nibet fis-surġent 1405 meta osserva il-mod erratiku kif kien qed isuq l-appellant. Dan is-suspett kompla kiber meta imbgaħad wara li kien imwaqqaf, kemm mill-atteġġjament ta'l-appellant, kif ukoll mir-riħa ta' xorb li kellu fuqu, kien evidenti għall-imsemmi uffiċjal illi dan kien xurban. Dan il-fatt kien ikkonfermat mit-test tan-nifs li sussegwentement kien amministrat.

L-appellant ingħata id-drittijiet tiegħu kollha skont il-liġi fejn kien imwissi li seta' jikkonsulta ma' avukat hekk kif allura sar persuna suspettata, u wara li s-surġent

spjegalu l-proċedura tat-test tan-nifs, l-appellant irrifjuta il-jedd għall-assistenza legali u aċċetta li jsirlu t-test. Kwindi anke jekk il-mandat ma kienx ikopri id-distrett fejn l-appellant twaqqaf, madanakollu dan ma jnaqqas xejn mill-legalita' tal-azzjoni meħuda mis-surġent 1405.

Illi allura is-surgent tal-pulizija 1405, bis-setgħa mogħtija lilu f'dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi seta' iwaqqaf lill-appellant u jitolbu jieħu kampjun tan-nifs mingħajr il-ħtieġa tal-mandat. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tielet aggravju minnu mressaq, l-appellant jilmenta li l-mod li bih ittieħidlu t-test tan-nifs ma kienx korrett u skond il-liġi, u dana għaliex huwa ma jitkellimx la bil-Malti u lanqas bl-Ingliz u għalhekk ma seta' qatt jifhem id-drittijiet u t-twissijiet lilu mogħtija mill-Pulizija.

Illi, jibda' biex jingħad li mill-*affidavit* redatt minn PS 1405, jirriżulta li meta twaqqaf mill-Pulizija, l-appellant kien taħt l-effett tal-akoħol, fatt ikkonfermat ukoll mir-rizultat tat-test tan-nifs li kien jaqra "**126.6ug/100ml**". PS 1405 filfatt jistqarr li l-appellant "**ma kienx f'kapaċita li jgħaqqad sentenza waħda meta mitkellem**". L-appellant jintenta jgħid li huwa ma kienx kapaċi jgħaqqad sentenza mhux għax kien fis-sakra imma għax ma kienx qed jifhem x'kien qed jingħad lilu. Illi din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis illi dak allegat mill-appellant ma ġiex minnu sodisfaċentement ippruvat sal-grad minnu mistenni. L-appellant ma jixhidx u ma jressaq ebda prova, kif *del resto* kellu kull dritt illi jagħmel. Madanakollu b'dak dikjarat mis-surġent tal-pulizija 1405 huwa evidenti illi l-appellant fehem, u fehem sew, dak li kien qed jispjegalu is-surġent. Igħid hekk il-PS1405 fl-affidavit tiegħu:

> "**Il-Pulizija nfurmatu bit-test tal-breathalyser u nfurmatu bid-drittijiet legali kollha tiegħu fosthom sabiex jikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu, liema dritt ġie miċħud minn Ozhan u ffirma dikjarazzjoni għal dan**".

Fil-fatt l-appellant mhux biss iffirma d-dokument tar-rinunzja għall-assistenza legali, eżebita bħala dokument D in atti, iżda issottometta ruħu għat-test tan-nifs mingħajr ebda oġġezzjoni. Inoltre, mitlub jipproduċi il-liċenzja tas-sewqan hu wieġeb li ma

kellux, kif fil-fatt kien ikkonfermat mix-xhud Kenneth Pace rappreżentant ta' Transport Malta, sabiex b'hekk il-Qorti ma għandha ebda dubbju illi huwa kien qed jifhem dak li kien qed jingħad lilu. Għalhekk anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' dina l-Qorti huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jisħaq li din kienet waħda ħarxa żżejjed. Huwa qed jitlob temperament fil-piena mposta, jew alternattivament illi jingħata l-fakolta' jħallas l-istess multa ta' €3,300 fi zmien 36 xahar.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] .

Illi, l-piena mposta fuq l-appellant kienet waħda fil-parametri prospettati mill-liġi li tirrispekja l-fatti speċi tal-każ odjern. *In oltre*, ma tressqet l-ebda raġuni valida li tista' twassal lil din il-Qorti tvarja l-piena inflitta u dan meta l-appellant mhux biss kien qed isuq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan, liema sewqan ma kienx kopert kontra riskji għal terzi persuni, iżda fuq kollox ażżarda jsuq meta kien xurban, u li kieku huwa ma twaqqafx mill-pulizija, is-sewqan tiegħu seta' wassal għal konsegwenzi ferm iktar serji.

Dan magħdud, madanakollu, fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 14(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti tqis illi t-talba tal-appellant sabiex iħallas il-multa bin-nifs għandha tkun milqugħa.

---

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi wara li rat l-artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali takkorda lill-appellant żmien 36 xahar għal ħlas tal-multa inflitta, liema multa ta' €3,300 għandha titħallas f'rati mensili ta' €91.67, bl-ewwel pagament ikun dovut fl-ahhar ta' Frar 2024, u fl-aħħar ta' kull xahar sussegwenti, b'dan illi jekk l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ rimanenti jiġi dovut f'salt u konvertit f'priġunerija skont il-liġi.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**